



**Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li l-korpi ta' assigurazzjoni għall-mard li joperaw taħt il-kontroll tal-Istat Slovakk ma humiex koperti mir-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-għajjnuna mill-Istat**

*Is-sentenza li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali laqgħet rikors kontra din id-deċiżjoni hija annullata*

Permezz tas-sentenza tagħha Il-Kummissjoni u Ir-Repubblika Slovakk vs Dôvera zdravotná poisťovňa (C-262/18 P u C-271/18 P) tal-11 ta' Ġunju 2020, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Frar 2018, Dôvera zdravotná poisťovňa vs Il-Kummissjoni<sup>1</sup> u, b'deċiżjoni definittiva dwar it-tilwima, ċaħdet ir-rikors għal annullament ippreżentat mill-korp ta' assigurazzjoni għall-mard Slovakk, Dôvera zdravotná poisťovňa a.s. (iktar 'il quddiem "Dôvera") kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ottubru 2014 dwar l-għajjnuna mill-Istat allegatament mogħtija mir-Repubblika Slovakk lil żewġ korpi ta' assigurazzjoni għall-mard Slovakk (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża")<sup>2</sup>. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-ġurisprudenza tagħha dwar l-inapplicabbiltà tar-regoli fil-qasam tal-għajjnuna mill-Istat għall-korpi ta' assigurazzjoni għall-mard li joperaw taħt il-kontroll tal-Istat fil-kuntest ta' skema ta' sigurtà soċjali li għandha skop soċjali u li timplimenta l-prinċipju ta' solidarjetà.

Matul is-sena 1994, l-iskema ta' assigurazzjoni għall-mard Slovakk għaddiet minn sistema unitarja, b'korp ta' assigurazzjoni għall-mard pubbliku wieħed, għal mudell imħallat, li fih jistgħu jikkoeżistu korpi pubbliċi u privati. Konformement ma' leġiżlazzjoni Slovakk li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2005, dawn il-korpi, kemm jekk pubbliċi jew privati, għandu jkollhom il-forma legali ta' kumpannija pubblika ta' responsabbiltà limitata bi skop ta' lukru rregolata mid-dritt privat. Matul il-perijodu bejn l-2005 u l-2014, ir-residenti Slovakk kellhom l-għażla bejn diversi korpi ta' assigurazzjoni għall-mard, li kienu jinkludu Všeobecná zdravotná poisťovňa, a.s. (iktar 'il quddiem "VšZP") u Spoločná zdravotná poisťovňa, a.s. (iktar 'il quddiem "SZP"), li ġew amalgamati fl-1 ta' Jannar 2010 u li l-uniku azzjonist tagħhom huwa l-Istat Slovakk, kif ukoll Dôvera u Union zdravotná poisťovňa a.s., li l-azzjonisti tagħhom huma entitajiet tas-settur privat.

Wara lment ippreżentat fit-2 ta' April 2007 minn Dôvera fir-rigward tal-għajjnuna mill-Istat allegatament mogħtija mir-Repubblika Slovakk lil SZP u lil VšZP, il-Kummissjoni fetħet proċedura ta' investigazzjoni formali. Madankollu, fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni qieset li l-attività eżerċitata minn SZP u VšZP ma kinitx ta' natura ekonomika u li dawn il-korpi għaldaqstant ma kinix impriżi fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, b'tali mod li l-miżuri koperti mill-iment ma setgħux jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat. Ir-rikors għal annullament ippreżentat minn Dôvera kontra din id-deċiżjoni ntlaga' mill-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari għar-raġuni li l-Kummissjoni ma kinitx applikat b'mod korrett il-kunċetti ta' "impriża", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, u ta' "attività ekonomika" għal VšZP u SZP.

Adita b'żewġ appelli ppreżentati mill-Kummissjoni u mir-Repubblika Slovakk kontra din is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-projbizzjoni ta' għajjnuna mill-Istat stabbilita fl-Artikolu 107(1) TFUE tkopri biss l-attivitajiet ta' impriżi, fejn il-kunċett ta' "impriża"

<sup>1</sup>Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Frar 2018, Dôvera zdravotná poisťovňa vs Il-Kummissjoni ([T-216/15](#), mhux ippubblikata, EU:T:2018:64)

<sup>2</sup>Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/248 tal-15 ta' Ottubru 2014 dwar il-miżuri SA.23008 (2013/C) (ex 2013/NN) implimentati mir-Repubblika Slovakk għal Spoločná zdravotná poisťovňa, a.s. (SZP) u Všeobecná zdravotná poisťovňa, a.s. (VZP) (ĠU 2015, L 41, p. 25).

jinkludi kull entità li teżerċita attività ekonomika, indipendentement mill-istatus legali ta' din l-entità u mill-mod ta' finanzjament tagħha. Issa, il-Qorti Ġenerali wettqet diversi żbalji ta' liġi meta affermat li l-attività eżerċitata minn VŠZP u SZP fil-kuntest tal-iskema ta' assigurazzjoni għall-mard obligatorja Slovakka, li l-karatteristiċi tagħha jikkorrispondu għal dawk ta' skema ta' sigurtà soċjali li għandha skop soċjali u li timplimenta l-prinċipju ta' solidarjetà taħt il-kontroll tal-Istat, għandha natura ekonomika.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, sabiex jiġi evalwat jekk attività eżerċitata fil-kuntest ta' skema ta' sigurtà soċjali hijiex nieqsa minn natura ekonomika, għandu jiġi vverifikat, b'mod partikolari, jekk u sa fejn l-iskema inkwistjoni tistax titqies li timplimenta l-prinċipju ta' solidarjetà u jekk l-attività tal-korpi ta' assigurazzjoni li jiġġestixxu tali skema hijiex suġġetta għal kontroll mill-Istat.

Fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, għall-kuntrarju ta' dak li qieset il-Qorti Ġenerali, l-eżistenza ta' ċerta kompetizzjoni fir-rigward tal-kwalità u tal-portata tal-offerta fl-iskema ta' assigurazzjoni għall-mard obligatorja Slovakka, bħall-possibbiltà għall-korpi ta' assigurazzjoni għall-mard li joffru lill-persuni assigurati benefiċċji addizzjonali bla ħlas u l-libertà tal-persuni assigurati li jagħżlu l-korp ta' assigurazzjoni tagħhom u li jibdluh darba fis-sens, ma hijiex ta' natura li ddaħħal inkwistjoni n-natura soċjali u ta' solidarjetà tal-attività eżerċitata mill-korpi ta' assigurazzjoni fil-kuntest ta' skema li timplimenta l-prinċipju ta' solidarjetà taħt il-kontroll tal-Istat. Fir-rigward tal-eżistenza ta' ċerta kompetizzjoni bejn il-korpi fir-rigward tal-proċess ta' xiri tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, sabiex tiġi evalwata n-natura tal-attività ta' entità, ma hemmx lok li l-attività ta' xiri ta' oġġetti jew ta' servizzi tinfired mill-użu sussegwenti tagħhom, peress li hija n-natura ekonomika jew le tal-użu sussegwenti li tiddetermina n-natura tal-attività tal-entità kkonċernata.

Peress li l-Qorti Ġenerali wettqet żball meta qieset li l-elementi ta' kompetizzjoni msemmija iktar 'il fuq kienu ta' natura li jdaħħlu inkwistjoni n-natura soċjali u ta' solidarjetà tal-attività eżerċitata minn VŠZP u SZP, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet l-appelli tal-Kummissjoni u tar-Repubblika Slovakka u annullat is-sentenza appellata. Barra minn hekk, peress li qieset li l-kawża kienet fi stat li tiġi deċiża u li kien hemm lok li tagħti deċiżjoni definittiva dwarha, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi eżaminat hija stess ir-rikors għal annullament ippreżentat minn Dôvera kontra d-deċiżjoni kontenzjuża.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-affiljazzjoni mal-iskema ta' assigurazzjoni għall-mard Slovakka hija obligatorja għar-residenti Slovakk kollha, li l-ammont tal-kontribuzzjonijiet huwa ffixsat mil-liġi proporzjonalment għad-dħul tal-persuni assigurati u mhux għar-riskju li huma jirrappreżentaw minħabba l-età tagħhom jew l-istat ta' saħħa tagħhom, u li dawn il-persuni assigurati kollha għandhom dritt għall-istess livell ta' benefiċċji stabbiliti mil-liġi, b'mod li ma teżisti l-ebda rabta diretta bejn l-ammont tal-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-persuna assigurata u dak tal-benefiċċji li jiġu pprovduti lilha. Barra minn hekk, il-korpi ta' assigurazzjoni huma obligati li jiżguraw il-kopertura tar-riskju ta' mard ta' kull resident Slovakk li jagħmel talba, indipendentement mir-riskju li jirriżulta mill-età tiegħu jew mill-istat ta' saħħa tiegħu, u l-imsemmija skema tipprevedi wkoll mekkaniżmu ta' ugwalizzazzjoni tal-ispejjeż u tar-riskji. B'hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din l-iskema ta' assigurazzjoni għandha l-karatteristiċi kollha tal-prinċipju ta' solidarjetà.

Wara li kkonstatat li l-iskema ta' assigurazzjoni għall-mard obligatorja Slovakka hija wkoll suġġetta għall-kontroll mill-Istat, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, barra minn hekk, li l-preżenza ta' elementi kompetittivi fil-kuntest ta' din l-iskema għandha, fir-rigward tal-elementi soċjali, ta' solidarjetà u regolatorji tagħha, aspett sekondarju u li l-possibbiltà, għall-korpi ta' assigurazzjoni, li jfittxu, li jużaw u li jiddistribwixxu profitti hija rregolata b'mod strett mill-obbligi legali li huma intiżi li titthares il-vijabbiltà u l-kontinwità tal-assigurazzjoni għall-mard obligatorja.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Kummissjoni kellha raġun tikkonkludi, fid-deċiżjoni kontenzjuża, li l-iskema ta' assigurazzjoni għall-mard obligatorja Slovakka għandha skop soċjali u timplimenta l-prinċipju ta' solidarjetà taħt il-kontroll tal-Istat. Għalhekk, il-Kummissjoni kellha raġun meta qieset li l-attività ta' VŠZP u SZP fil-kuntest ta' din l-iskema ma kinitx ta' natura ekonomika u, għalhekk, li dawn il-korpi ma setgħux jiġu kklassifikati bħala impriżi fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

---

**TFAKKIRA:** Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja jew lill-Qorti Ġenerali b'rikors għal annullament. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata jkollha tirmidja l-possibbiltà ta' lakuna legali maħluqa permezz tal-annullament tal-att.

**TFAKKIRA:** Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiġi adita b'appell, limitat għal punti legali, kontra sentenza jew digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ li l-kawża tkun fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi l-kawża b'mod definittiv hija stess. Jekk dan ma jkunx il-każ, hija għandha tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali, li hija marbuta bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-appell.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*